4 ta' Ottubru, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Francesca Aquilina *versus* George Galea et.

**Inġurja — Kompensazzjoni — Difett Fiżiku.**

*Biex tiġi ammessa l-kompensazzjoni ta' l-inġurji hemm bżonn li jkun hemm ċerta proporzjon bejn l-inġurji; imma fl-istess ħin hemm bżonn li wieħed jipproċedi kawtament dwar ir-rigur ta' dan ir-rekwiżit; għax ma hux possibili li bejn l-inġurji jkun hemm ekwipollenza perfetta.*

*Il-fatt li jiġi obbjettat lil persuna oħra difett fiżiku jikkostitwixxi ċertament inġurja.*

*Biex ikun hemm kompensazzjoni, lanqas hemm bżonn li l-inġurji jkunu kontemporanei.*

Fuq kwerela għall-inġurja ta' l-imsemmija Aquilina, l-imsemmijin miżżewġin George u Carmela Galea, u oħt din ta' l-aħħar, Emmanuela Xerri, ġew imressqin quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, li b'sentenza tad-9 ta' Mejju 1952 sabithom ħatjin ta' inġurja u kkundannathom għall-multa ta' £2 kull wieħed u għal nofs l-ispejjeż. Aquilina kienet anki imputathom b'theddid, iżda l-Qorti ta' l-Ewwel Grad illiberathom minn din l-imputazzjoni;

Fuq l-appell tat-tliet kwerelati, din il-Qorti, wara li semgħet il-provi u l-osservazzjonijiet tad-difensuri, ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi, rettament valutati, deher illi kien hemm żewġ inċidenti. Fl-ewwel wieħed it-tgħajjir kien bejn il-kwerelat Galea u l-kwerelanti. Il-kwerelat Galea għajjarha li kienet bla swaba'; u ċertament il-fatt li jiġi obbjettat difett fiżiku jikkostitwixxi inġurja (Carrara, Vol. III, paġ. 80, para. 1745). Il-kwerelanti, b'riferenza għalih u għall-kwerelati l-oħra, qaltlu li hi ma kellhiex bgħula, u qalet ukoll il-kliem "imdejqin" u "imdejnin". Aktarx li bdiet l-ewwel Aquilina, għaliex Galea kien mar oriġinarjament biex jara l-għaliex ħu Aquilina sawwat lill-ibnu, u għalhekk ma kienx hemm raġuni li jibda biex jgħajjar lil Aquilina. Imbagħad kien hemm inċident ieħor: tant Galea kemm Xerri, iż-żewġ kwerelati l-oħra, għajru lil Aquilina bl-istess kliem tal-kwerelat l-ieħor, ċjoè billi obbjettawlha dak id-difett fiżiku, u hija għajrithom bid-dejn, u qalet ukoll il-kelma "miġnuna";

Id-Difiża eċċepiet il-kompensazzjoni, u in subordine l-"animus retorquendi";

Hu prinċipju li, biex tiġi ammessa l-kompensazzjoni, hemm bżonn li jkun hemm ċerta proporzjon bejn l-inġurji; imma fl-istess ħin, kif jgħid il-Crivellari, "sul rigore di questo requisito fa d'uopo procedere cautamente". Infatti ma hux possibbli li jkun hemm ekwipollenza eżatta. Issa, f'dan il-każ, l-inġurja diretta lill-kwerelanti kienet dik tad-difett fiżiku, inġurja li tista' tkun ta' anqas jew aktar gravità skond iċ-ċirkustanzi; per eżempju, jekk ikun difett fiżiku li jkun ġej minn mard diżonoranti, bħal mard venerew, allura l-imputazzjoni tiegħu hi gravi, mentri f'dan il-każ d-difett fiżiku ma hux tali, u kwindi l-grad ta' inġurja jonqos. Minn naħa l-oħra l-kwerelanti qalet lill-kwerelati midjunin, imdejqin, u li kellhom il-bgħula; din ta' l-aħħar partikolarment timplika fatt diżonoranti. Għalhekk ma jistax raġjonevolment jingħad illi ma hemmx ċerta ekwipollenza fl-inġurji rispettivi;

Għandu jiġi notat li, avvolja ż-żewġ kwerelati nisa ma ħadux parti fl-ewwel inċident, huma jistgħu però jipprevalixxu ruħhom, għall-finijiet tal-kompensazzjoni, mill-kliem li bihom Aquilina involġiet anki lilhom fl-ewwel inċident mal-kwerelat; għax kif igħid il-Frola (Delle Ingiurie e Diffamazioni, paġ. 44), ma hemmx bżonn li l-inġurji jkunu kontemporanei għall-kompensazzjoni. Issa, il-Qorti hija aktarx ta' opinjoni illi kienet il-kwerelanti li bdiet; għax din hija l-impressjoni li wieħed jieħu mill-kumpless tax-xhiediet. Imma ċert li hu l-każ li wieħed japplika għall-fattispeċje l-kliem prezzjuż tal-Frola (loc. ċit., pag. 43) "................ciò può accadere, ad esempio, quando nel calore di un alterco, da una parte e dall'altra, vi siano state ingiurie. E' evidente che in un alterco, lotta a parole, male si pesino dai contendenti le espressioni che a gara, a furia di ripicco, si vanno a vicenda lanciando, difficilmente ancora riuscendo a stabilire chi prima attaccò l'avversario, per cui riesce provvida ed opportuna misura quella lasciata al giudice di poter dichiarare compensate le ingiurie dell'una e dell'altra parte". Li dan kien il-każ hu ċar mill-fatt li wieħed mix-xhieda qal li l-kontendenti damu jitgħajru xi kwarta jew għoxrin minuta, men-

tri, kieku wieħed kellu jqis biss l-erba' kelmiet li ntqalu fil-provi, il-ġlieda lanqas imissha damet tliet minuti;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tiddikjara lill-kwerelati mhux ħatjin stante kompensazzjoni ta' l-ingurji, u għaldaqstant tordna li jiġu liberati. L-ispejjeż ta' din u ta' l-ewwel istanza bin-nofs. Onorarju 12s. għas-seduta ta' l-20 ta' Settembru 1952, u 10s. għal kull waħda misseduti l-oħra.